**IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦAR-RAPPORT SPEĊJALI TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI:**

**"L-UŻU SOSTENIBBLI TAL-ILMA FL-AGRIKOLTURA: HUWA AKTAR PROBABBLI LI L-FONDI TAL-PAK JIPPROMWOVU UŻU AKBAR TAL-ILMA MILLI UŻU AKTAR EFFIĊJENTI"**

<u>SOMMARJU EŻEKUTTIV</u>

*Tweġiba komuni tal-Kummissjoni għas-sommarju eżekuttiv:*

Fil-livell tal-UE, l-ilma jintuża għat-tkessiħ tal-enerġija, l-agrikoltura, il-manifattura u l-kostruzzjoni, l-estrazzjoni u l-provvista pubblika tal-ilma u l-importanza relattiva ta' kull settur tiddependi fuq l-istruttura ekonomika ta' kull Stat Membru. L-ilma jintuża fl-agrikoltura għall-bhejjem u l-irrigazzjoni, u jnaqqas ir-riskju kapitali u jottimizza l-użu ta' inputs oħra (pereż. l-art, il-fertilizzanti, iż-żrieragħ u x-xogħol).

Il-projezzjonijiet attwali tat-tibdil fil-klima jindikaw it-tnaqqis fid-disponibbiltà tar-riżorsi tal-ilma u ż-żieda fid-domanda tal-ilma għall-irrigazzjoni. Dawn l-isfidi jeħtieġu l-implimentazzjoni xierqa tal-politiki tal-UE dwar l-ilma (pereż. id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma) biex l-użi differenti tal-ilma jsiru kompatibbli, u jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tal-politiki settorjali tkun konformi ma' dawn l-objettivi. Ir-Regolament (UE) 2020/741 dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma jista' jtaffi l-pressjoni u jista' joffri provvista alternattiva u sostenibbli tal-ilma tat-tisqija.

Id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma tippromwovi l-użu sostenibbli tal-ilma peress li l-agrikoltura hija fost l-użi u l-attivitajiet li, skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, għandhom jiġu kkunsidrati fil-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà tal-korpi tal-ilma. Madankollu, l-impatti mill-agrikoltura huma fost l-aktar pressjonijiet sinifikanti identifikati mill-Istati Membri bħala li jippreżentaw riskju potenzjali ta' deterjorament jew nuqqas ta' twettiq tal-objettivi ambjentali tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma.

Id-Direttiva rnexxielha tistabbilixxi qafas ta' governanza għall-ġestjoni integrata tal-ilma għal aktar minn 110 000 korp tal-ilma fl-UE, biex b'hekk ittejjeb l-i*status* tal-ilma, jew tnaqqset ir-rata ta' deterjorament tiegħu, u tnaqqas it-tniġġis kimiku (prinċipalment minn is-sorsi lokalizzati). Id-Direttiva wasslet għal livell ogħla ta' protezzjoni għall-korpi tal-ilma milli seta' jkun mistenni mingħajrha. Il-verifika tal-idoneità tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma tal-2019 ikkonkluda li hija fil-biċċa l-kbira adatta għall-iskop tagħha, b'xi lok għal titjib, u r-raġuni għaliex ma ntlaħqux l-objettivi tad-Direttiva għadha l-aktar minħabba finanzjament insuffiċjenti, implimentazzjoni kajmana u integrazzjoni insuffiċjenti tal-objettivi ambjentali fil-politiki settorjali.

Il-Kummissjoni tqis li l-Politika Agrikola Komuni (PAK) tinċentiva l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma fl-agrikoltura permezz ta' diversi strumenti. Billi torbot permezz tal-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità, il-pagamenti rilevanti tal-PAK mal-osservanza tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u b'mod partikolari l-kundizzjoni għall-astrazzjoni tal-ilma, hija tiffavorixxi l-integrazzjoni u t-tisħiħ tal-politiki. Dan il-mekkaniżmu, li japplika għal 90 % tal-erja agrikola u tal-bdiewa għandu l-potenzjal li jżid b'mod sinifikanti s-sensibilizzazzjoni tal-bdiewa u s-sanzjonijiet jistgħu jaslu sa l-irtirar tal-pagamenti kollha tal-PAK għall-aktar reati severi. Lil hinn mill-kundizzjonalità, l-ekoloġizzazzjoni tas-sostenn dirett tinċentiva lill-bdiewa biex iwettqu prattiki li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-użu tal-ilma, bħall-protezzjoni ta' bwar permanenti u d-diversifikazzjoni tal-għelejjel. Il-PAK tiffinanzja wkoll investimenti relatati mal-użu tal-ilma, u l-investimenti fl-irrigazzjoni jridu jikkontribwixxu għall-ksib ta' *status* tajjeb (meta l-korp tal-ilma kkonċernat ikollu *status* inqas minn tajjeb) u jipprevjeni d-deterjorament tal-i*status*. Bosta miżuri agroambjentali klimatiċi indirizzaw l-objettivi tal-kwantità tal-ilma. Pereżempju, l-miżuri agroambjentali klimatiċi għat-titjib tal-ġestjoni tal-ħamrija u l-prevenzjoni tal-erożjoni, li għandhom impatt pożittiv fuq il-kapaċità tal-ħamrija għaż-żamma tal-ilma, ġew inklużi fil-biċċa l-kbira tal-Programmi ta' Żvilupp Rurali (PŻR) u 5 % tal-erja agrikola utilizzata ġiet koperta minn impenji bħal

dawn. Barra minn hekk, l-investimenti mhux produttivi, l-agrikoltura organika u l-pagamenti tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma skont il-PŻR kienu wkoll rilevanti ħafna għat-titjib taż-żamma tal-ilma u l-użu sostenibbli tal-ilma.

Il-Kummissjoni tivvaluta wkoll li l-investimenti tal-Istati Membri jgħinu biex jinkisbu l-objettivi tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, permezz tal-valutazzjoni tad-dokumenti ta' programmazzjoni tal-Istati Membri għall-użu tal-fondi tal-UE u l-applikazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" fir-Regolament dwar it-Tassonomija u l-Programmi għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

III. *Status* ekoloġiku tajjeb tal-ilmijiet tal-wiċċ jinkludi wkoll aspetti kwantitattivi tal-ġestjoni tal-ilma. *Status* ekoloġiku tajjeb jirrikjedi li l-Istati Membri jiddefinixxu u jimplimentaw "fluss ekoloġiku" li għandu l-għan li jiżgura li jkun hemm biżżejjed ilma.

VII.

(1) Fil-valutazzjoni tagħha tal-2019 tat-Tieni Pjanijiet ta' Ġestjoni tal-Baċini Idrografiċi, il-Kummissjoni pprovdiet rakkomandazzjonijiet fejn talbet lill-Istati Membri jindirizzaw aħjar, fit-tielet Pjanijiet ta' Ġestjoni tal-Baċini Idrografiċi, kif jimplimentaw l-obbligu skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma biex japplikaw l-irkupru tal-ispejjeż għas-servizzi tal-ilma, u kull eżenzjoni f'dan il-kuntest. Barra minn hekk, il-Kummissjoni bħalissa qed tistaqsi lill-Istati Membri kollha kif qed japplikaw fil-prattika r-rekwiżiti tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, b'mod partikolari r-rekwiżit għal awtorizzazzjoni minn qabel għall-astrazzjoni u l-lagunaġġ skont l-Artikolu 11(3)(e) tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, u eżenzjonijiet minnu.

(2) Il-PAK futura tkompli ssaħħaħ il-koerenza bejn il-PAK u d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma permezz ta' diversi aspetti:

Tistipula li l-investimenti fl-irrigazzjoni, li ma jkunux konsistenti mal-ksib ta' *status* tajjeb tal-korpi tal-ilma, kif stabbilit fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, ma jkunux eliġibbli għal sostenn, inkluża l-espansjoni tal-irrigazzjoni li taffettwa l-korpi tal-ilma li l-i*status* tagħhom ikun ġie definit bħala inqas minn tajjeb fil-Pjan ta' Ġestjoni tal-Baċini Idrografiċi.

Il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK, inkluż is-sostenn għall-investimenti fl-irrigazzjoni, se jkollhom iqisu l-analiżi, l-objettivi u l-miri inklużi fid-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u fil-Pjanijiet ta' Ġestjoni tal-Baċini Idrografiċi (ara l-Anness XI tar-Regolament dwar il-Pjan tal-PAK), u jagħtu kontribut adegwat għalihom.

Il-Kummissjoni taċċetta li torbot il-pagamenti kollha rilevanti tal-PAK lill-bdiewa mal-użu sostenibbli tal-ilma, minbarra l-pagamenti tal-organizzazzjoni komuni tas-suq (OKS).

Il-Kummissjoni taċċetta li torbot il-pagament sħiħ tal-appoġġ akkoppjat volontarju mar-rispett tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma permezz tal-kundizzjonalità. Il-Kummissjoni ma taċċettax l-inklużjoni ta' salvagwardji addizzjonali fil-PAK peress li l-implimentazzjoni xierqa tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma tiżgura l-użu sostenibbli tal-ilma għall-għelejjel u l-kundizzjonalità tagħmel ir-rabta bejn il-pagamenti tal-PAK u d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma.

(3) Meta tivvaluta l-pjanijiet strateġiċi tal-PAK, il-Kummissjoni se tiżgura, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-PAK futura, li l-investimenti fl-irrigazzjoni jkunu konformi mal-objettiv tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma li jinkiseb *status* tajjeb tal-korpi tal-ilma. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tivvaluta jekk il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK jikkunsidrawx biżżejjed l-analiżi, l-objettivi u l-miri inklużi fid-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u fil-Pjanijiet ta' Ġestjoni tal-Baċini Idrografiċi u jekk jagħtux kontribut adegwat għal dawk l-objettivi u miri.

Il-Kummissjoni se twettaq evalwazzjoni tal-impatt tal-finanzjament għall-iżvilupp rurali u tal-appoġġ tas-suq fuq l-użu tal-ilma fil-kuntest tal-pjan ta' evalwazzjoni pluriennali tal-PAK futura.

<u>INTRODUZZJONI</u>

*It-tweġiba Komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 1-11.*:

Id-*data* pprovduta mill-Istati Membri tindika tnaqqis fl-astrazzjoni tal-ilma għall-agrikoltura sa mis-snin 90 fl-Unjoni Ewropea minkejja ż-żieda fid-domanda minħabba t-tibdil fil-klima, temperaturi ogħla u inqas xita. Dan inkiseb permezz ta' politiki aħjar dwar l-ippjanar aħjar tal-ilma bħad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u t-titjib tal-ġestjoni tal-irrigazzjoni kif promoss fil-PAK.

Għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-iskarsezza tal-ilma u d-differenzi temporali u spazjali tagħha, il-Kummissjoni pproponiet l-użu tal-indikatur tal-Indiċi tal-Isplojtazzjoni tal-Ilma (Water Exploitation Index , WEI +) fil-PAK futura; dan l-indikatur huwa mfassal biex jevalwa l-evoluzzjoni tal-użu tal-ilma meta mqabbel mar-riżorsi rinnovabbli tal-ilma ħelu kif ukoll ix-xejriet relatati fl-agrikoltura u setturi oħra b'mod separat.

Il-kwantità ta' ilma użat għall-bhejjem u/jew għall-irrigazzjoni tiddependi fuq l-istruttura tas-settur agrikolu u tvarja ħafna madwar l-UE. L-irrigazzjoni ssaħħaħ il-kompetittività tas-settur agrikolu u ġġib benefiċċji għas-soċjetà. L-irrigazzjoni żżid id-disponibbiltà, il-kwalità u l-varjetà tal-prodotti tal-ikel u tipprovdi servizzi ekosistemiċi ta' valur (pereż. l-erjas irrigati għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għad-diversità agroambjentali, kulturali u tal-pajsaġġ f'ċerti xenarji, pereżempju, iż-żamma ta' ħabitat ta' appoġġ għall-għasafar tal-ilma).

L-Artikolu 11(3)(e) tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma kien jinkludi obbligi għall-Istati Membri biex jimplimentaw sistemi ta' kontroll u awtorizzazzjoni minn qabel ibbażati fuq l-analiżi tal-vulnerabbiltà tal-korpi tal-ilma għall-impatt tal-attivitajiet tal-bniedem. Jenħtieġ li din is-sistema tiżgura li l-użi awtorizzati tal-ilma jkunu kongruwenti mal-mira li jinkiseb *status* tajjeb fil-korpi tal-ilma.

Il-ħames rapport ta' implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma identifika li l-impatti mill-agrikoltura huma fost l-aktar pressjonijiet sinifikanti identifikati mill-Istati Membri fil-biċċa l-kbira tad-Distretti Idrografiċi bħala li jippreżentaw riskju potenzjali ta' deterjorament jew nuqqas ta' ksib tal-objettivi ambjentali, kemm fil-forma ta' astrazzjoni eċċessiva kif ukoll ta' tniġġis diffuż. Il-Kummissjoni staqsiet ukoll kif l-Istati Membri japplikaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma fil-prattika, fosthom l-obbligi dwar l-awtorizzazzjoni minn qabel għall-astrazzjoni u l-lagunaġġ, u l-eżenzjonijiet relatati.

Dan l-aħħar il-Kummissjoni staqsiet lill-Istati Membri kollha biex isegwu r-rakkomandazzjonijiet tagħha mit-tieni l-Pjanijiet ta' Ġestjoni tal-Baċini Idrografiċi, u insistiet b'mod partikolari fuq il-ħtieġa għal ġustifikazzjoni ulterjuri/xierqa fil-l-Pjanijiet ta' Ġestjoni tal-Baċini Idrografiċi tal-eżenzjonijiet għall-obbligu li jintlaħaq *status* tajjeb/jiġi evitat deterjorament.

Hemm bżonn ta' aktar titjib fl-użu tal-ilma iżda wkoll fil-qasam tat-tniġġis min-nutrijenti, u l-istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" ipproponiet miri u għodod speċifiċi għat-tnaqqis tat-tniġġis min-nutrijenti. Il-Pjan ta' Azzjoni għal Tniġġis Żero għall-Arja, l-Ilma u l-Ħamrija jikkomplementa l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt b'miri u azzjonijiet rilevanti[1]. Ir-Regolament (UE) 2020/741 dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma se jikkontribwixxi, fil-kuntest tal-ġestjoni integrata tal-ilma, biex titnaqqas il-pressjoni fil-korpi tal-ilma meta l-astrazzjoni tal-ilma tiġi sostitwita b'ilma użat mill-ġdid.

7. Il-PAK tipprovdi elementi għat-titjib tal-użu tal-ilma f'konformità mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, li hija l-qafas regolatorju attwali għall-ilma fl-UE.

10. Fil-valutazzjoni tagħha tal-2019 tat-tieni l-Pjanijiet ta' Ġestjoni tal-Baċini Idrografiċi, il-Kummissjoni pprovdiet rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż biex tikseb u timplimenta l-flussi ekoloġiċi fil-korpi tal-ilma kollha.

11. Il-Kummissjoni evalwat il-prestazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (Kontroll tal-Idoneità), id-direttivi assoċjati magħha u d-Direttiva dwar l-Għargħar bejn tmiem l-2017 u nofs l-2019. Il-konklużjoni ewlenija kienet li d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma hija fil-biċċa l-kbira adatta għall-iskop

[1] https://ec.europa.eu/environment/strategy/zero-pollution-action-plan_mt

tagħha, b'xi lok għal titjib. Ir-raġuni għaliex l-objettivi tad-Direttiva għadhom ma nkisbux għalkollox hija l-aktar dovuta għal finanzjament insuffiċjenti, implimentazzjoni kajmana u integrazzjoni insuffiċjenti tal-objettivi ambjentali fil-politiki settorjali.

14. Fis-settur tal-frott u l-ħaxix, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jimplimentaw programmi operazzjonali approvati li jikkonformaw mal-qafas ambjentali nazzjonali li huwa parti mill-istrateġiji nazzjonali tal-Istati Membri. Dawk il-programmi operattivi approvati jistgħu jkopru azzjonijiet u miżuri mmirati lejn użu tal-ilma mingħajr ħela.

16. L-użu mill-ġdid tal-ilma mormi trattat huwa waħda mill-opzjonijiet previsti biex tittaffa l-pressjoni ta' użi differenti fuq ir-riżorsi tal-ilma ħelu u jista' jipprovdi benefiċċji ambjentali, soċjali u ekonomiċi sinifikanti. Il-benefiċċji għall-ambjent jinħolqu meta dan l-ilma jissostitwixxi l-estrazzjoni tal-ilma ħelu. Fil-kuntest tal-ġestjoni integrata tal-ilma, l-użu mill-ġdid tal-ilma mormi trattat jista' jitqies bħala provvista affidabbli tal-ilma u jista' jkun ta' benefiċċju għall-attivitajiet tal-biedja li jiddependu fuq il-kontinwità tal-provvista tal-ilma matul il-perjodu tal-irrigazzjoni, u b'hekk jitnaqqas ir-riskju ta' falliment tal-għelejjel u telf ta' introjtu. Il-valutazzjoni tal-impatt tar-Regolament (UE) 2020/741 dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma indikat li l-ammont reali ta' ilma potenzjalment użat mill-ġdid, flimkien ma' kunsiderazzjonijiet tas-saħħa, ambjentali u kummerċjali, se jiddependi fuq l-ispejjeż għall-utenti tal-ilma, inklużi l-bdiewa.

18. Mhijiex il-KAAT 2 (KAAT - Kundizzjoni Agrikola u Ambjentali Tajba) li tivvaluta jekk il-bdiewa li jestrattaw l-ilma għat-tisqija jikkonformawx ma' ċerti kundizzjonijiet iżda mal-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. Ir-rwol tal-KAAT 2 huwa li tagħmel rabta bejn il-konformità mal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni nazzjonali fl-Istat Membru għall-estrazzjoni tal-ilma għat-tisqija u li l-bdiewa jirċievu l-pagamenti sħaħ tal-PAK.

<u>OSSERVAZZJONIJIET</u>

27. Skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma hemm rekwiżit għall-Istati Membri li jkollhom kontrolli fuq l-astrazzjoni u jirrieżaminaw perjodikament u, fejn meħtieġ, jaġġornawhom.

Dawn l-eżenzjonijiet mis-sistemi ta' awtorizzazzjoni mhumiex permanenti u jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi biex jirrevokaw l-eżenzjoni meta dan jista' jwassal biex ma jinkisibx *status* tajjeb skont il-vulnerabbiltà tal-korp tal-ilma. Fil-valutazzjoni tagħha tal-2019 tat-tieni Pjanijiet ta' Ġestjoni tal-Baċini Idrografiċi, il-Kummissjoni pprovdiet rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar ir-rieżami tal-permessi tal-astrazzjoni u titlob lill-Istati Membri biex iqisuhom fit-tielet ċiklu ta' ġestjoni.

31. Is-sistemi ta' kontroll stabbiliti mill-Istati Membri fil-qafas tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom li timplimenta d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma jistgħu jintużaw biex jimmonitorjaw l-użu illegali tal-ilma. Fil-valutazzjoni tagħha tal-2019 tat-tieni Pjanijiet ta' Ġestjoni tal-Baċini Idrografiċi, il-Kummissjoni pprovdiet rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż biex tiżgura li tittieħed azzjoni biex jiġu indirizzati l-astrazzjonijiet illegali.

Barra minn hekk, fil-qafas tal-PAK, l-Istati Membri jivverifikaw jekk il-bdiewa humiex konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u dawn ir-riżultati huma ppreżentati f'dan ir-rapport għall-Istati Membri kollha. Fil-passat, diversi pubblikazzjonijiet kkwotaw stimi tal-għadd ta' bjar illegali f'xi reġjuni tal-UE mingħajr għarfien ċar dwar is-sorsi oriġinali u l-metodoloġiji attwali użati fil-kalkolu. Fis-sorsi kkwotati fl-istudju tal-OECD, iċ-ċifri msemmija għal Spanja ġew estratti mir-rapport tal-Fond Dinji għan-Natura u għal Ċipru ġejjin minn artiklu tal-istampa bl-ebda referenza għas-sors oriġinali jew għall-metodi użati.

36. Skont l-informazzjoni disponibbli, l-irkupru tal-ispejjeż tal-ilma fl-agrikoltura huwa inqas mill-irkupru tal-ispejjeż f'setturi oħra bħall-provvista tal-ilma. L-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni biex iqisu l-effetti soċjali, ekonomiċi jew ambjentali tal-irkupru tal-ispejjeż.

39. Il-kwantifikazzjoni tal-volum użat mhijiex faċli fl-agrikoltura. L-ilma jiġi ffatturat skont il-volum li tirċievi l-azjenda agrikola jew jista' jkun ibbażat, pereżempju, fuq varjabbli sostituttivi bħall-kapaċità tal-installazzjoni tal-ippumpjar jew l-erja (u l-għelejjel) imħawla. Analiżijiet preċedenti

indikaw li l-użu ta' miters tal-fluss f'100 % tal-art agrikola saqwija qed jiffaċċa sfidi ekonomiċi u operazzjonali[2].

*40. Tweġiba komuni għall-paragrafu 40 u l-**Figura 10***:

Il-konfront tal-prezzijiet tal-ilma bejn is-setturi huwa diffiċli peress li jrid isir f'konformità mal-irkupru tal-ispejjeż. It-tariffi tal-astrazzjoni huma biss parti mill-prezz tal-ilma.

48. L-Istati Membri jistgħu jipprogrammaw investimenti fl-irrigazzjoni fil-qasam ta' prijorità 2a (tipikament investimenti fiż-żieda ta' erja saqwija/saqwi ġdid), madankollu, dawn mhumiex soġġetti għall-kundizzjonalità *ex ante*.

*49. It-tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 49 u 50*:

Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni u fil-kuntest tal-mudell ta' implimentazzjoni l-ġdid, il-PAK futura mhux se tibqa' tinkludi l-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità *ex ante*. Madankollu, il-PAK futura ssaħħaħ il-koerenza mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma f'diversi livelli:

Fil-pjanijiet strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri se jkollhom iqisu l-leġiżlazzjoni u d-dokumenti tal-ippjanar inklużi fl-Anness XI tar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, li jinkludi d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u l-Pjanijiet ta' Ġestjoni tal-Baċini Idrografiċi. Il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK se jkunu meħtieġa jagħtu kontribut xieraq għall-objettivi u l-miri stabbiliti fid-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u fil-Pjanijiet ta' Ġestjoni tal-Baċini Idrografiċi (inklużi l-programmi ta' miżuri).

Barra minn hekk, il-PAK futura tinkludi indikatur tal-impatt ġdid (I.17 "Tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma: Indiċi Aġġornat tal-Konsum tal-Ilma (Water Exploitation Index Plus, WEI+)") li jippermetti l-valutazzjoni tal-użu tal-ilma fl-agrikoltura u jipprovdi stima tal-użu totali tal-ilma bħala perċentwal tar-riżorsi rinnovabbli tal-ilma ħelu (ilma ta' taħt l-art u tal-wiċċ) għal territorju u perjodu ta' żmien partikolari.

Barra minn hekk, dan jinkludi Rekwiżit Statutorju ta' Ġestjoni (Statutory Management Requirement, SMR) ġdid, SMR 1, dwar il-kontrolli tal-astrazzjoni (meħtieġa skont l-Artikolu 11.3 e) tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma) skont il-kundizzjonalità.

53. Il-Kummissjoni ma taqbilx għalkollox mal-valutazzjoni tal-QEA li l-pagamenti diretti ma jippromwovux b'mod sinifikanti l-użu effiċjenti tal-ilma.

Il-PAK attwali, inklużi l-iskemi tagħha ta' pagamenti diretti, tintegra l-objettivi tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u tappoġġa l-implimentazzjoni tagħha permezz ta' diversi strumenti bħar-rabta ma' kundizzjonijiet speċifiċi dwar il-protezzjoni tal-ilma applikabbli għall-bdiewa fil-kundizzjonalità u fil-kundizzjonijiet biex jirċievu l-pagamenti ta' ekoloġizzazzjoni, bħall-manutenzjoni ta' bwar permanenti u d-diversifikazzjoni tal-għelejjel, li huma obbligatorji għall-bdiewa li jirċievu pagamenti diretti.

Il-PAK futura tintegra l-objettivi tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u tappoġġa l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva permezz ta' diversi strumenti bħal kundizzjonijiet speċifiċi dwar il-protezzjoni tal-ilma applikabbli għall-bdiewa kollha f'kundizzjonalità msaħħa (kemm permezz tal-SMR kif ukoll tal-KAAT proposti), il-possibbiltà ta' pagament addizzjonali għal impenji ta' ġestjoni li huma ta' benefiċċju għall-ambjent fl-ekoskemi u l-pagamenti agroambjentali u tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma fl-ambitu tal-iżvilupp rurali, investimenti li jikkontribwixxu għall-ksib ta' *status* tajjeb tal-korpi tal-ilma u indikaturi ġodda għall-monitoraġġ tal-użu tal-ilma fl-agrikoltura.

*55. It-tweġiba Komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 55-57*:

Il-pagamenti diżakkoppjati għajr l-ekoloġizzazzjoni (bħall-iskema ta' pagament bażiku (SPB) u l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja (SPUE)) huma irrilevanti bħala tali għall-użu tal-ilma.

---

[2] Díaz Mora (1999). Experiencia en la implantación de contadores en los acuíferos de la cuenca alta del Guadiana. Disponibbli fuq Untitled-21 (igme.es).

Tabilħaqq ma għandhom l-ebda objettiv ambjentali jew idriku u strumenti oħra bħall-kundizzjonalità u l-ekoloġizzazzjoni huma mmirati lejn dan il-għan. Barra minn hekk, id-differenzi li jeżistu fir-rata ta' pagament bejn it-territorji u l-benefiċjarji ma għandhom l-ebda rabta mal-użu tal-ilma f'dawn l-erjas.

Il-kundizzjonalità tqajjem il-kuxjenza tal-bdiewa dwar l-obbligi tal-ilma (b'mod partikolari l-kundizzjonijiet għall-astrazzjoni tal-ilma stabbiliti mill-Istati Membri biex jimplimentaw id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma) billi potenzjalment tnaqqas il-pagamenti diretti li jirċievi l-bidwi meta ma jirrispettax dawn il-kundizzjonijiet. F'dak ir-rigward l-importanza tal-pagamenti diretti għall-bdiewa kkonċernati ssaħħaħ il-potenzjal tal-kundizzjonalità.

L-ekoloġizzazzjoni tal-pagamenti diretti min-naħa tagħha għandha l-għan li ttejjeb il-prestazzjoni ambjentali tal-PAK. Fir-rigward tal-kwantitajiet tal-ilma, l-ekoloġizzazzjoni hija ta' benefiċċju peress li tippromwovi ż-żamma ta' bwar permanenti, erjas mhux ikkultivati u karatteristiċi tal-pajsaġġ, li mhumiex saqwi. Għall-bdiewa li diġà għandhom livell suffiċjenti ta' dawn l-erjas u karatteristiċi, il-manutenzjoni hija mistennija permezz tal-ekoloġizzazzjoni. Għall-bdiewa li għadhom mhux qed jissodisfaw l-istandards ta' ekoloġizzazzjoni (b'mod partikolari fl-aktar erjas intensivi), hemm bżonn ta' bidla fil-prattika. Il-perċentwal ta' azjendi agrikoli affettwati mill-bidla fil-prattika huwa differenti skont il-prattika nnifisha u skont iż-żona kkonċernata.

Fir-rigward tad-drenaġġ tal-art, b'mod partikolari tat-torbiera, il-PAK ma tinkludi l-ebda strument li jinċentiva din il-prattika. Id-distinzjoni għall-eliġibbiltà għal pagamenti diretti ssir bejn art agrikola, li tista' tirċievi sostenn u art mhux agrikola, li ma tistax. L-art agrikola hija b'definizzjoni marbuta mal-impriża fuq dik l-art ta' attività agrikola, li tista' tinkludi skopijiet ambjentali. F'dan ir-rigward, torbiera mhux skulata tista' tkun eliġibbli għal pagamenti diretti jekk tibqa' adatta għall-agrikoltura. Il-pagamenti għall-iżvilupp rurali jistgħu min-naħa tagħhom jappoġġaw ukoll art mhux agrikola. Fir-rigward b'mod aktar partikolari tal-protezzjoni tat-torbiera, il-Kummissjoni kienet ipproponiet din il-protezzjoni fil-qafas tal-KAAT għall-PAK 2014-2020 iżda l-koleġiżlaturi eventwalment ma laqgħux din il-proposta.

58. Il-Kummissjoni ma taqbilx għalkollox mal-valutazzjoni tal-QEA li, permezz tal-appoġġ akkoppjat volontarju, l-UE tappoġġa għelejjel b'użu intensiv tal-ilma f'żoni li jbatu minn stress idriku.

Ir-rekwiżiti idriċi tal-għelejjel huma differenti għal kull għalla u żona u l-kwalifika "għelejjel intensivi fl-ilma" teħtieġ kuntest għat-tqabbil tagħha u għandhom jiġu kkunsidrati aspetti pożittivi oħra tal-produzzjoni tal-għelejjel. Fl-UE, il-biċċa l-kbira taż-żoni li jipproduċu r-ross jinsabu fiż-"żoni tan-Natura 2000", li jipprovdu ħabitat ta' appoġġ għall-għasafar selvaġġi, b'mod partikolari l-għasafar tal-ilma. Barra minn hekk, ir-ross ikkultivat f'dawn iż-żoni wara sekli jiffunzjona bħala sistema ta' regolatur idriku li jiffiltra l-ilma fil-ħamrija u bil-mod iwassal l-ilma fix-xmajjar matul l-istaġun xott.

L-appoġġ akkoppjat volontarju ma għandux l-għan li jżid il-produzzjoni. Tabilħaqq hija "skema li tillimita l-produzzjoni" (notifikata bħala kaxxa blu lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO)), li tiddetermina l-aktar karatteristiċi importanti tagħha (mekkaniżmu ta' pagament, prekundizzjonijiet, limiti).

Barra minn hekk, għalkemm l-appoġġ akkoppjat volontarju ma jimponix obbligi dwar l-użu sostenibbli tal-ilma fuq il-bdiewa direttament, dan l-aspett huwa indirizzat permezz tal-kundizzjonalità li tapplika wkoll għall-appoġġ akkoppjat volontarju u, fost l-oħrajn, tinkludi rekwiżiti tal-ilma u fil-futur id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma skont il-kundizzjonalità.

*59. It-tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi minn 59 sa 61*:

Għalkemm l-appoġġ akkoppjat volontarju jista' jkollu benefiċċji ambjentali, mhuwiex "skema ambjentali" iżda appoġġ għad-dħul li jimmira, soġġett għal prekundizzjonijiet u limiti stretti, setturi agrikoli li jgħaddu minn diffikultajiet. Għaldaqstant, l-użu sostenibbli tal-ilma, għalkemm indirettament kopert permezz tal-kundizzjonalità, mhuwiex fost l-objettivi diretti tiegħu.

Abbażi tad-deċiżjonijiet ta' appoġġ tal-Istati Membri, il-maġġoranza l-kbira tal-miżuri tal-appoġġ akkoppjat volontarju tabilħaqq isegwu għanijiet soċjoekonomiċi (pereż. profittabilità baxxa u b'hekk

ir-riskju li l-bdiewa kollha f'daqqa jabbandunaw il-produzzjoni f'reġjuni li diġà huma kkaratterizzati minn rata għolja ta' qgħad). Barra minn hekk, iċ-ċaqliq minn dawn is-setturi għal ieħor spiss ikun diffiċli (pereż. investimenti preċedenti f'infrastruttura bħat-tisqija, jew it-tħawwil ta' siġar; eċċ.), jew saħansitra impossibbli minħabba n-nuqqas ta' alternattivi (pereż. ir-ross spiss ma jkollux għalla alternattiva f'dawn ir-reġjuni minħabba s-salinità għolja tal-ħamrija). Għalhekk, ir-restrizzjoni tal-appoġġ tkun kontroproduttiva fid-dawl tal-għan li dawn is-setturi f'diffikultà jiġu megħjuna sabiex jiġi evitat li jfallu l-bdiewa kkonċernati.

Għalkemm ir- "rekwiżit ta' konsistenza" huwa tabilħaqq inkluż fir-regoli tal-UE għall-appoġġ akkoppjat volontarju, dan ma jkoprix il-valutazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' appoġġ tal-Istati Membri fid-dawl tal-użu tal-ilma. Il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu huwa l-konsistenza limitata tad-deċiżjonijiet ta' appoġġ akkoppjat volontarju tal-Istati Membri ma' appoġġ ieħor taħt l-iżvilupp rurali, il-miżuri tas-suq u l-għajnuna mill-Istat. B'mod partikolari għandu l-għan li jipprevjeni l-finanzjament doppju. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma taqbilx ukoll li l-użu tal-ilma jenħtieġ li jiġi vvalutat speċifikament fid-dawl tad-deċiżjonijiet tal-appoġġ akkoppjat volontarju, meta jitqies li r-rekwiżiti relatati mal-ilma huma koperti orizzontalment mill-kundizzjonalità li, fost l-oħrajn, tinkludi d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma.

Ta' min jinnota wkoll li l-Kummissjoni ma għandhiex is-setgħa li tapprova, jew li tirrifjuta d-deċiżjonijiet dwar l-appoġġ akkoppjat volontarju tal-Istati Membri (ħlief għal dawk l-Istati Membri li ddeċidew li jaqbżu l-limitu massimu baġitarju ta' 13 % għall-appoġġ akkoppjat volontarju, jiġifieri l-Belġju, il-Finlandja u l-Portugall).

*62. It-tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi minn 62 sa 68*:

Fl-ambitu tal-kundizzjonalità, l-istandard KAAT 2 jiżgura li ssir rabta bejn il-konformità mal-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni nazzjonali għall-użu tal-ilma għat-tisqija u li l-bdiewa jirċievu l-pagamenti sħaħ tal-PAK. Meta dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux issodisfati kompletament, jista' jiġi applikat tnaqqis tal-pagamenti tal-PAK li jirċievi l-bidwi. Il-KAAT 2 ma għandhiex l-għan li timponi rekwiżiti addizzjonali għal-leġiżlazzjoni nazzjonali, li primarjament timplimenta d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma.

Il-kundizzjonalità u l-KAAT 2 japplikaw għall-biċċa l-kbira tal-bdiewa. Madankollu, f'konformità mal-prinċipju ta' simplifikazzjoni, dawn ma japplikawx għall-benefiċjarji tal-iskema għall-bdiewa żgħar, liema ġestjoni fl-ambitu tal-kundizzjonalità ma tkunx kosteffettiva. Il-kundizzjonalità lanqas ma tapplika għall-pagamenti pluriennali tal-iżvilupp rurali minħabba li l-kundizzjonalità hija bażikament strument annwali. Fl-aħħar nett, il-kundizzjonalità ma tistax tapplika għall-għajnuna tal-OKS għas-setturi tal-frott u l-ħaxix jew taż-żebbuġ minħabba li l-kundizzjonalità hija bbażata fuq il-prinċipju ta' responsabbiltà individwali u dawn l-iskemi ta' appoġġ mhumiex għall-bdiewa individwali iżda għal organizzazzjonijiet professjonali.

Il-ġestjoni tal-kundizzjonalità u l-KAAT 2 hija bbażata fuq kontrolli fil-post, li jridu jitwettqu fuq kampjun ta' mill-inqas 1 % tal-bdiewa kull sena. Fil-prinċipju, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu l-aħjar użu mis-sistemi ta' kontroll diġà fis-seħħ għal-leġiżlazzjoni dwar l-ilma. Il-kampjun jintgħażel fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju u l-kontrolli jkopru r-rekwiżiti kollha li jistgħu jiġu vverifikati waqt iż-żjara, li żmienha għandu jkun fl-aktar perjodu xieraq. F'każ ta' ksur, jista' jiġi applikat tnaqqis tal-pagamenti kollha tal-PAK li jirċievi l-bidwi, ikkalkulati fi proporzjon tas-serjetà tal-ksur, u l-perċentwal potenzjali jista' jilħaq sa 100 %. Il-Kummissjoni hija għalhekk tal-opinjoni li r-rata ta' kontrolli mmirati hija suffiċjenti u li l-penali huma potenzjalment dissważivi.

F'dan ir-rigward, l-awditi tal-Kummissjoni jkopru b'mod partikolari r-rata u l-kwalità tal-kontrolli (inklużi l-obbligi rilevanti tal-bdiewa) u l-penali applikati mill-Istati Membri u meta l-obbligu legali tagħhom f'dan ir-rigward ma jintlaħaqx, tista' tiġi applikata korrezzjoni finanzjarja għan-nefqa tal-PAK tagħhom.

Fil-PAK futura, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma hija inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni ta' kundizzjonalità msaħħa inklużi d-dispożizzjonijiet dwar l-astrazzjoni illegali tal-ilma. Dan jissostitwixxi l-KAAT 2 attwali u jagħmel rabta aktar diretta u komprensiva bejn il-PAK u l-leġiżlazzjoni dwar l-ilma.

67. F'konformità mal-prinċipju ta' simplifikazzjoni, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali primarjament jużaw is-sistema ta' kontroll stabbilita għal-leġiżlazzjoni dwar l-ilma għall-fini tal-KAAT 2 u ma għandu jkun hemm l-ebda differenza bejn "kontrolli KAAT 2" u "kontrolli oħra tal-astrazzjoni tal-ilma". Il-valur miżjud tal-kundizzjonalità fir-rigward tal-verifiki huwa li tiżgura li tintlaħaq rata minima ta' 1 % għall-astrazzjoni tal-ilma, irrispettivament mir-rata applikata għall-verifika tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. Madankollu, jekk iqisu li jkun aktar xieraq, l-Istati Membri jistgħu japplikaw sistemi paralleli ta' kontrolli għal dawn ir-rekwiżiti tal-ilma.

Fir-rigward tat-tqabbil li sar mill-QEA dwar iż-żewġ tipi ta' kontrolli fil-paragrafu 67 u l-***Figura 15***, il-Kummissjoni tqis li ma tista' tinsilet ebda konklużjoni ġenerali abbażi tad-*data* użata.

68. Fl-2011, il-Kummissjoni pproponiet li tinkludi elementi rilevanti għad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma adattati għall-qafas ta' kundizzjonalità 2014-2020 permezz tal-KAAT. Il-Kummissjoni ħadet ukoll l-impenn, vis-à-vis il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li tissorvelja l-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u sussegwentement tippreżenta proposta għall-inklużjoni sħiħa, ibbażata fuq l-esperjenza miksuba. Dan sar fl-2018 fil-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni għall-PAK futura.

69. Bosta PŻR appoġġaw it-taħriġ u l-pariri għall-bdiewa fil-qasam tal-użu effiċjenti tal-ilma. Pereżempju, il-PŻR tal-Veneto (l-Italja) ipprovda pariri lill-bdiewa dwar l-obbligi skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. Hemm ukoll prattiki tajbin li jorbtu t-taħriġ mal-appoġġ għall-investiment: Pereżempju l-PŻR ta' Castilla La Mancha (Spanja) għamel l-appoġġ għall-investimenti fl-irrigazzjoni soġġett għall-kundizzjoni li l-benefiċjarju jipparteċipa f'taħriġ għall-użu effiċjenti tal-ilma.

71. L-ewwel inċiż - Il-biċċa l-kbira tal-miżuri agroambjentali u klimatiċi (M10, l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013) biex tittejjeb il-ġestjoni tal-ħamrija u tiġi evitata l-erożjoni għandhom impatt pożittiv fuq il-kapaċità tal-ħamrija għaż-żamma tal-ilma. Miżuri bħal dawn huma pprogrammati fil-maġġoranza tal-PŻR. L-indikatur fil-mira rispettiv T12 "perċentwal ta' art agrikola b'kuntratti ta' ġestjoni biex tittejjeb il-ġestjoni tal-ħamrija u/jew tiġi evitata l-erożjoni tal-ħamrija (qasam ta' fokus 4C)" jammonta għal 4.98 % tal-EAU totali.

***Figura 17*** - L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għall-Klima tenfasizza r-rwol importanti ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura inklużi miżuri ta' żamma naturali tal-ilma għal azzjoni ta' adattament.

73. Il-pagamenti tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (M12) jikkumpensaw lill-benefiċjarji għal żvantaġġi minħabba rekwiżiti speċifiċi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, pereż. l-impożizzjoni ta' bidliet kbar fl-użu tal-art u/jew restrizzjonijiet fil-prattiki tal-biedja li jirriżultaw f'telf sinifikanti ta' introjtu (l-Artikolu 30(4)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013). Pagamenti bħal dawn ġew ipprogrammati biss sa ċertu punt fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 peress li ftit Stati Membri kienu introduċew tali rekwiżiti obbligatorji skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma meta kienu qed jitfasslu l-programmi tal-iżvilupp rurali.

Barra minn hekk, ħafna Stati Membri ppreferew jappoġġaw impenji li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti legali, kif rifless mill-baġit konsiderevoli allokat għall-prijoritajiet rilevanti għall-ilma taħt il-miżura agroambjentali klimatika (M10).

74. Ir-Regolament il-ġdid tal-UE 2020/741 dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma jista' joffri, fil-kuntest tal-ġestjoni integrata tal-ilma, provvista alternattiva u sostenibbli tal-ilma għat-tisqija.

77. Huwa korrett li l-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 ma jirrikjedix li l-iffrankar potenzjali tal-ilma jissarraf fi tnaqqis effettiv tal-użu tal-ilma meta l-korp(i) tal-ilma affettwat(i) mis-sistema ta' tisqija modernizzata ma jkollux/ma jkollhomx *status* inqas minn tajjeb għal raġunijiet relatati mal-kwantità tal-ilma. Madankollu, fejn il-korp(i) tal-ilma affettwat(i) ikollu/jkollhom *status* inqas minn tajjeb, huwa neċessarju tnaqqis effettiv fl-użu tal-ilma.

Fir-rigward tal-konsegwenzi potenzjali tal-paradoss idroloġiku, huwa possibbli li jiġu estiżi l-erjas irrigati mingħajr ma tiżdied il-pressjoni fuq il-korpi tal-ilma meta d-differenza bejn l-ilma astratt mill-korp tal-ilma u l-ilma li jmur lura fih ma tiżdiedx. Dan jeħtieġ it-titjib tal-infrastrutturi biex titnaqqas

l-evaporazzjoni jew il-kultivazzjoni ta' għelejjel b'domanda aktar baxxa għall-ilma. Dawn l-effetti ta' benefiċċju ġew dokumentati f'xi Stati Membri[3] u jeħtieġu l-implimentazzjoni ta' sistemi affidabbli ta' monitoraġġ.

78. Fl-ambitu tal-appoġġ tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), investiment li jirriżulta f'żieda netta ta' erja irrigata jista' jiġi appoġġat biss jekk a) l-i*status* tal-korp tal-ilma ma jkunx ġie identifikat bħala inqas minn tajjeb għal raġunijiet relatati mal-kwantità tal-ilma; u b) analiżi ambjentali turi li mhux se jkun hemm impatt negattiv sinifikanti mill-investiment (ara l-Artikolu 46 (5)(a) u (b)). Għalhekk, investimenti bħal dawn ma għandhomx iwasslu għal żieda fil-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma ħelu. Derogi speċifiċi minn din ir-regola ġenerali huma inklużi fl-Artikolu 46(5) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 (il-possibbiltà li jintuża l-kunċett ta' "passat reċenti" meta tiġi ddeterminata erja irrigata, kif ukoll derogi relatati ma' investimenti u riżervi kkombinati).

81. Għalkemm b'kuntrast mal-i*status* kwantitattiv tal-ilma ta' taħt l-art, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma ma fihiex "definizzjoni" ekwivalenti tal-i*status* kwantitattiv tal-ilma tal-wiċċ, id-definizzjoni xorta waħda tista' tinftiehem b'mod ċar mid-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. L-aspetti kwantitattivi tal-ġestjoni tal-ilma huma indirizzati fid-Direttiva Qafas dwar l-Ilma fid-definizzjoni ta' *status* ekoloġiku tajjeb, espliċitament fl-elementi idromorfoloġiċi (jiġifieri r-reġim tal-fluss) u indirettament fl-elementi tal-kwalità bijoloġika. Jenħtieġ li l-Istati Membri b'mod partikolari jiddefinixxu għal kull korp tal-ilma tal-wiċċ l-objettivi ta' "fluss ekoloġiku" (kif definit fil-gwida 31 tas-CIS), li għandhom l-għan li jiżguraw li jkun hemm biżżejjed ilma u varjazzjonijiet xierqa tal-fluss matul is-sena. Ladarba l-flussi ekoloġiċi jiġu definiti fil-korpi tal-ilma kollha, jenħtieġ li l-Istati Membri jimplimentaw il-miżuri kollha meħtieġa biex jiksbu dawn l-objettivi sabiex jintlaħaq *status* ekoloġiku tajjeb.

Dan ġie ċċarat lill-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-FAEŻR f'diversi okkażjonijiet u ġie inkluż fid-dokument ta' gwida dwar l-appoġġ mill-FAEŻR għal investimenti fl-irrigazzjoni.

82. Il-Kummissjoni tqis li l-qafas ġuridiku (l-Artikolu 46 tal-FAEŻR) mhuwiex ambigwu u u ma jippermettix il-possibbiltà ta' interpretazzjonijiet multipli. Id-derogi speċifiċi huma definiti b'mod ċar.

87. Skont interventi settorjali fis-settur tal-frott u l-ħaxix, il-programmi operattivi jiġu implimentati mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi wara li jkunu ġew approvati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. L-investimenti fuq l-iffrankar tal-ilma jridu jkunu marbuta mal-objettiv ta' "miżuri ambjentali". L-Istati Membri huma kompetenti biex jistabbilixxu rekwiżiti addizzjonali fil-Qafas Nazzjonali għall-Azzjonijiet Ambjentali u biex jivverifikaw il-konformità tagħhom. L-Istati Membri jippreżentaw lis-servizzi tal-Kummissjoni, permezz tar-rapporti annwali tagħhom, *data* dwar l-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali.

88. Fis-settur tal-frott u l-ħaxix, il-kontrolli jirreferu għall-approvazzjoni tal-programm operazzjonali permezz tal-valutazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tal-proġett jew dokumenti tekniċi oħra li għandhom jiġu ppreżentati mill-organizzazzjoni tal-produtturi li juru *ex ante* t-tnaqqis mistenni. Dan il-kontroll amministrattiv jista' jiġi kkomplementat b'kontrolli fil-post[4].

Jenħtieġ li l-kontrolli fil-post jikkonfermaw li l-azzjoni hija implimentata kif approvat (is-sistema ta' irrigazzjoni hija preżenti u qed tintuża), iżda r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 ma jirrikjedix li l-Istati Membri jikkonfermaw it-tnaqqis analizzat qabel matul l-istadju tal-approvazzjoni.

90. Il-PAK futura hija allinjata mal-objettivi tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u tappoġġa l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva permezz ta' diversi strumenti (pereż. li l-pagamenti diretti jintrabtu mal-osservanza tar-regoli nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u l-finanzjament ta' investimenti b'effetti ta' benefiċċju għas-sostenibbiltà tal-ilma).

Ħafna inizjattivi tal-Kummissjoni, adottati fil-qafas tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, għandhom l-għan li jintegraw aħjar il-politika tal-UE dwar l-ilma fil-politiki settorjali, pereż. il-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt (b'dispożizzjonijiet għan-nutrijenti u l-

[3] http://www.jcrmo.org/wp-content/uploads/2018/01/MEMORIA2013_vers._preliminar.pdf

[4] Ara l-Artikolu 25 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/891.

pestiċidi), l-Istrateġija għall-Bijodiversità, il-Pjan ta' Azzjoni għal Tniġġis Żero, l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, ikkomplementata mill-prinċipju "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti" fir-Regolament dwar it-Tassonomija, eċċ..

92. Ir-riżultati mill-verifika tal-idoneità tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma juru li minn naħa l-progress kien kajman u min-naħa l-oħra d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma irnexxielha tistabbilixxi qafas ta' governanza għall-ġestjoni integrata tal-ilma għal aktar minn 110 000 korp tal-ilma fl-UE, ittejjeb l-i*status* tal-ilma, jew tnaqqas ir-rata tad-deterjorament tagħha, u tnaqqas (prinċipalment is-sors lokalizzat) it-tniġġis kimiku. Id-Direttiva wasslet għal livell ogħla ta' protezzjoni għall-korpi tal-ilma milli seta' jkun mistenni mingħajrha. Il-verifika tal-idoneità tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma ikkonkludiet li hija fil-biċċa l-kbira adatta għall-iskop tagħha, b'xi lok għal titjib, u r-raġuni għaliex ma nkisbux l-objettivi tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma għadha fil-biċċa l-kbira minħabba finanzjament insuffiċjenti, implimentazzjoni kajmana u integrazzjoni insuffiċjenti tal-objettivi ambjentali fil-politiki settorjali.

**Rakkomandazzjoni 1 – Jintalbu ġustifikazzjonijiet għal eżenzjonijiet għall-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma fl-agrikoltura**

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 1.

Fil-valutazzjoni tagħha tal-2019 tat-tieni Pjanijiet ta' Ġestjoni tal-Baċini Idrografiċi, il-Kummissjoni pprovdiet rakkomandazzjonijiet li jitolbu lill-Istati Membri jindirizzaw aħjar, fit-tielet Pjanijiet ta' Ġestjoni tal-Baċini Idrografiċi, kif jimplimentaw l-obbligu skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma li japplikaw l-irkupru tal-ispejjeż għas-servizzi tal-ilma, u kull eżenzjoni skont dan. Barra minn hekk, il-Kummissjoni bħalissa qed tistaqsi lill-Istati Membri kollha kif qed japplikaw fil-prattika r-rekwiżiti tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, b'mod partikolari r-rekwiżit għal awtorizzazzjoni minn qabel għall-astrazzjoni u l-lagunaġġ skont l-Artikolu 11(3)(e) tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, u eżenzjonijiet minnu.

*93. It-tweġiba Komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 93-94*:

L-appoġġ akkoppjat volontarju mhuwiex "skema ambjentali" iżda pjuttost isegwi benefiċċji soċjoekonomiċi. Għalkemm l-appoġġ akkoppjat volontarju ma jimponix obbligi dwar l-użu sostenibbli tal-ilma fuq il-bdiewa direttament, dan l-aspett huwa indirizzat permezz tal-kundizzjonalità li tapplika wkoll għall-appoġġ akkoppjat volontarju u, fost l-oħrajn, jinkludi rekwiżiti tal-ilma u fil-futur id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma f'kundizzjonalità.

Il-mekkaniżmu ta' kondizzjonalità *ex ante* ma nżammx fil-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni għall-PAK futura għal raġunijiet relatati mas-simplifikazzjoni u l-mudell ta' implimentazzjoni l-ġdid tal-PAK. Madankollu, kif spjegat fil-paragrafi 49-50, ġew introdotti diversi dispożizzjonijiet li għandhom isaħħu b'mod sinifikanti l-integrazzjoni tal-objettivi tal-politika dwar l-ilma fil-PAK (b'mod partikolari l-Anness XI u l-SMR1).

95. Il-Kummissjoni tqis li l-KAAT 2 hija strument solidu biex issir rabta bejn li l-bdiewa jirċievu l-pagamenti tal-PAK u l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-astrazzjoni tal-ilma li jirriżultaw fil-leġiżlazzjoni dwar l-ilma, u b'hekk tinkoraġġixxi r-rispett tagħhom mill-bdiewa. Il-PAK futura se tagħmel rabta aktar diretta bejn id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u l-PAK permezz ta' kundizzjonalità mtejba tal-pagamenti tal-PAK. Il-kundizzjonalità se tkopri l-pagamenti rilevanti kollha tal-PAK li l-bdiewa jirċievu direttament. Il-kundizzjonalità hija bbażata fuq sistema solida ta' kontroll u penali: L-implimentazzjoni tagħhom mill-Istati Membri hija s-suġġett ta' awditi regolari mill-Kummissjoni. Id-dgħufijiet li jinstabu f'dan ir-rigward jistgħu jwasslu għal korrezzjonijiet finanzjarji tan-nefqa tal-PAK tal-Istati Membri.

**Rakkomandazzjoni 2 – Rabta bejn il-pagamenti tal-PAK u l-konformità mal-istandards ambjentali**

(a) l-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni se ssaħħaħ b'mod sinifikanti l-integrazzjoni tal-objettivi tal-politika dwar l-ilma fil-PAK u tinċentiva l-użu sostenibbli tal-ilma. Il-PAK futura tkompli ssaħħaħ il-koerenza bejn il-PAK u d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma permezz ta' diversi aspetti: tistipula li l-investimenti fl-irrigazzjoni li ma jkunux konsistenti mal-ksib ta' *status* tajjeb tal-korpi tal-ilma, kif stabbilit fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, ma jkunux eliġibbli għall-appoġġ, inkluż l-espansjoni tal-irrigazzjoni li taffettwa l-korpi tal-ilma li l-i*status* tagħhom ikun ġie definit bħala inqas minn tajjeb fil-Pjan ta' Ġestjoni tal-Baċini Idrografiċi rilevanti.

Il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK, inkluż is-sostenn għall-investimenti fl-irrigazzjoni, se jkollhom iqisu l-analiżi, l-objettivi u l-miri inklużi fid-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u fil-Pjanijiet ta' Ġestjoni tal-Baċini Idrografiċi (ara l-Anness XI tar-Regolament dwar il-Pjan tal-PAK), u jagħtu kontribut adegwat għalihom.

b) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni parzjalment. Il-Kummissjoni taċċetta li torbot il-pagamenti rilevanti kollha tal-PAK lill-bdiewa mal-użu sostenibbli tal-ilma. Fil-qafas tal-PAK futura, id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma se jiġu introdotti fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kundizzjonalità msaħħa. Il-Kummissjoni ma taċċettax il-parti tar-rakkomandazzjoni relatata mal-estensjoni tal-kundizzjonalità għal pagamenti oħra tal-PAK li ma jingħatawx direttament lill-bdiewa, bħall-pagamenti tal-OKS.

c) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni parzjalment. Il-Kummissjoni taċċetta li torbot il-pagament sħiħ tal-appoġġ akkoppjat volontarju mar-rispett tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma permezz tal-kundizzjonalità. Il-Kummissjoni ma taċċettax l-inklużjoni ta' salvagwardji addizzjonali fil-PAK peress li l-implimentazzjoni xierqa tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma tiżgura l-użu sostenibbli tal-ilma għall-għelejjel u l-kundizzjonalità tagħmel ir-rabta bejn il-pagamenti tal-PAK u d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma.

96. Il-FAEŻR joffri firxa wiesgħa ta' possibbiltajiet biex jiġi appoġġat it-titjib tal-kapaċità taż-żamma tal-ilma permezz ta' miżuri bħall-impenji klimatiċi agroambjentali, l-agrikoltura organika, l-investimenti mhux produttivi u l-pagamenti tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, kif ukoll appoġġ għat-taħriġ u l-innovazzjoni.

Il-FAEŻR jista' jappoġġa biss investimenti f'irrigazzjoni ġdida (jiġifieri li twassal għal żieda netta ta' erja irrigata) fejn a) il-korpi tal-ilma affettwati ma jkollhomx *status* inqas minn tajjeb u b) analiżi ambjentali turi li mhux se jkun hemm impatt ambjentali negattiv sinifikanti mill-investiment. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 dwar investimenti fl-irrigazzjoni jinkludi derogi speċifiċi definiti sew mir-regola ġenerali li l-erja irrigata ma tistax tiżdied fejn il-korpi tal-ilma għandhom *status* inqas minn tajjeb. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li l-qafas ġuridiku mhuwiex ambigwu u ma jippermettix il-possibbiltà ta' interpretazzjonijiet multipli.

97. L-ewwel inċiż - Il-biċċa l-kbira tal-miżuri agroambjentali u klimatiċi għat-titjib tal-ġestjoni tal-ħamrija u l-prevenzjoni tal-erożjoni għandhom impatt pożittiv fuq il-kapaċità tal-ħamrija għaż-żamma tal-ilma. Miżuri bħal dawn huma pprogrammati fil-biċċa l-kbira tal-PŻR u huma ppjanati li jkopru kważi 5 % tal-art agrikola skont kuntratti ta' ġestjoni rispettivi.

It-tielet inċiż - Rigward l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, l-awditi tal-Kummissjoni jivverifikaw is-sistema ta' kontroll tal-Istati Membri, b'mod partikolari jekk dawn jinkludux il-verifiki meħtieġa matul l-approvazzjoni tal-programmi operattivi u jekk il-kontrolli fil-post jivverifikawx li l-azzjonijiet huma implimentati kif approvat.

**Rakkomandazzjoni 3 – Jintużaw il-fondi tal-UE biex jittejjeb l-i*status* kwantitattiv tal-korpi tal-ilma**

a) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni taċċetta li l-valutazzjoni tal-pjanijiet strateġiċi tal-PAK għandha ssegwi l-prinċipji stabbiliti fil-PAK futura marbuta mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u l-istrumenti ta' ppjanar rilevanti, bħall-Pjanijiet ta' Ġestjoni tal-Baċini Idrografiċi. Meta tivvaluta l-pjanijiet strateġiċi tal-PAK, il-

Kummissjoni se tiżgura, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-PAK futura, li l-investimenti fl-irrigazzjoni jkunu konformi mal-objettiv tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma li jintlaħaq *status* tajjeb tal-korpi tal-ilma. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tivvaluta jekk il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK jikkunsidrawx biżżejjed l-analiżi, l-objettivi u l-miri inklużi fid-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u fil-Pjanijiet ta' Ġestjoni tal-Baċini Idrografiċi u jekk jagħtux kontribut adegwat għal dawk l-objettivi u miri.

b) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Evalwazzjoni bħal din se tiġi indirizzata fil-kuntest tal-pjan ta' evalwazzjoni pluriennali tal-PAK futura.